**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 8 t'Ottubru 2018**

**Talba Nru: 90/18 CZ**

**GO plc (C 22334)**

**vs.**

**Bridges Isabel (48341 A)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fit-8 ta' Marzu 2018 fejn talbet lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' seba' mija u tmineja u tmenin Euro u erbgha u tletin centezmu (€788.34) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40142217.

Illi interpellata sabiex tghaddi ghall-hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa hija ingunta ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk in konnessjoni mal-ittra ufficcjali bir-referenza 451/17, u bl-imghaxijiet legali.

Ra li l-konvenuta, debitament notifikata, ma pprezentatx risposta u lanqas dehret quddiem it-Tribunal fl-ebda seduta.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2018.

Ikkunsidra l-fatt illi l-konvenut naqset li tidher sabiex tirrispondi ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u tmienja u tmenin Euro u erbgha w tletin centezmu (€788.34) bl-imghaxijiet legali kif mitluba sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez u drittijiet, ikunu a karigu tal-konvenuta.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu’

Deputat Registratur